Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/2121(INI)

14.5.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta
(2024/2121(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Giusi Princi

PA_NonLeg

EMENDI

Il- Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill- Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, li ġejjin:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 162, 174 sa 178 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra l-Artikoli 4, ***9, 151, 153,*** 162, 174 sa 178 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 dwar "L-Unjoni tal-Ħiliet" (COM(2025)0090),

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament

	(UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1a],
	1a ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48-70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj.

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023 dwar il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt[1a],
	[1a] ĠU C, C/2024/4224, 24.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4224/oj.

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-2015 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji u soċjetajiet ambjentalment sostenibbli għal kulħadd,

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta'

	Enrico Letta tas-17 ta' April 2024 intitolat "Much more than a market" (Ħafna aktar minn suq),

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025 dwar il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025)0085),

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-għan ***ambizzjuż*** ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 jista' jagħti lok kemm għal opportunitajiet kif ukoll għal sfidi ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni;	A. ***billi s-segwitu ta' politika ambizzjuża dwar l-ambjent huwa essenzjali għall-prosperità u l-benesseri fit-tul;*** billi l-għan ta' tranżizzjoni lejn ekonomija ***moderna, kompetittiva, sostenibbli u*** newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 jista' jagħti lok kemm għal opportunitajiet kif ukoll għal sfidi ġodda għar-reġjuni li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni***, b'mod partikolari ż-żoni rurali u periferiċi; billi enfasi partikolari fuq ir-reġjuni, il-ħaddiema u l-gruppi affettwati, li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni hija kruċjali biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; billi għandha titqies id-dimensjoni tal-ġeneru tat-tranżizzjoni ġusta;***

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi ż-żoni periferiċi jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali, inklużi infrastruttura aktar dgħajfa, livelli aktar baxxi ta' investiment u disparitajiet soċjoekonomiċi persistenti, li huma aggravati minn tnaqqis demografiku, eżodu ta' mħuħ u diversifikazzjoni industrijali aktar baxxa;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi tranżizzjoni ġusta tinvolvi l-massimizzazzjoni tal-opportunitajiet soċjali u ekonomiċi tal-azzjoni dwar il-klima, filwaqt li timminimizza u tiġġestixxi bir-reqqa kwalunkwe sfida bħal telf ta' impjiegi u konsegwenzi mhux intenzjonati tal-politiki dwar il-klima; billi tranżizzjoni ġusta għandha tiżgura l-inklużjoni soċjali, tnaqqas il-faqar u l-ugwaljanzi, tisfrutta l-potenzjal biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità, trawwem id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u tipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema fis-setturi kollha biex tiġi żgurata ġustizzja soċjali għal kulħadd;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***ħafna*** mill-industriji l-aktar milquta mid-dekarbonizzazzjoni ***kellhom kundizzjonijiet tax-xogħol sfavorevoli u dipendenza fuq ħaddiema staġjonali li kienu qed ifittxu ġustizzja*** soċjali ***qabel it-***	C. billi ***wħud*** mill-industriji l-aktar milquta mid-dekarbonizzazzjoni ***kienu tradizzjonalment setturi vitali Ewropej li pprovdew miljuni ta' impjiegi; billi t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà ekoloġika***

tranżizzjoni;	***trid timxi id f'id mal-ġustizzja ekonomika u*** soċjali***, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u żżomma standards soċjali għoljin***;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) ***kellu*** jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies li jgħixu f'territorji ***affettwati*** mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; billi sal-lum dan il-Fond wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %;	D. billi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE (JTF) ***għandu*** jkun għodda ewlenija biex jiġi żgurat li n-nies***, partikolarment il-ħaddiema,*** li jgħixu f'territorji ***milquta*** mill-bidla lejn in-newtralità klimatika ma jitħallewx lura; Billi***, madankollu,*** sal-lum dan il-Fond wassal għal rati ta' assorbiment ta' inqas minn 5 %; ***billi l-għadd ta' impjiegi maħluqa mill-JTF mhux miexi 'l quddiem biex ikopri l-għadd ta' impjiegi mbassra li se jintilfu hekk kif l-industriji intensivi fil-karbonju jaqilbu għal teknoloġiji aktar nodfa; billi t-tneħħija tad-distakk fl-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp huwa kruċjali biex jiġi żgurat li r-reġjuni kollha, inklużi dawk periferiċi, ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; billi l-mira tal-UE li tinvesti 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp biex tappoġġja l-innovazzjoni u tiżgura tranżizzjoni inklużiva u ġusta madwar l-UE għadha ma ntlaħqitx; billi l-politika soċjali preventiva permezz ta' investiment bikri fl-edukazzjoni tat-tfal u l-appoġġ għall-familja tagħti riżultati soċjali futuri ta' livell għoli; billi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali titlob xbieki ta' sikurezza u mekkaniżmi ta' protezzjoni effettivi biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema affettwati;***

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi r-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għal strateġija ġenerali b'riżorsi adegwati biex jiġi miġġieled il-faqar, u b'mod partikolari, il-faqar tal-familja u fost it-tfal fl-UE, kif ukoll il-politiki u l-azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha, jippromwovu approfondiment tas-suq intern u progress fil-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u jappoġġjaw l-għan tal-Kummissjoni għal Ewropa kompetittiva u inklużiva ta' diversi reġjuni;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi t-tranżizzjoni lejn ekonomika b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, il-kriżi klimatika globali u t-tniġġis ambjentali, bl-impatt tagħhom fuq l-ikel, l-edukazzjoni u s-saħħa, jikkontribwixxu wkoll għal kriżi fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal f'ħafna reġjuni differenti tal-UE u għandhom jittieħdu miżuri effettivi u sinifikattivi sabiex jiġi żgurat li t-tfal u l-ġenerazzjonijiet futuri jikbru fid-dinjità u jkunu mgħammra għas-suq tax-xogħol b'ħiliet ta' għada;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li	E. billi jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat, dawk li qabel kienu reġjuni tal-pit u tal-minjieri jirriskjaw li jsiru aktar ekonomikament

jsiru aktar ekonomikament ***inattivi***;	***deindustrijalizzati u depopolati; jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent biex jitpatta għall-eżodu ta' mħuħ u jiġi appoġġjat l-irkupru ekonomiku lokali;***

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-ġestjoni tal-bidla lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha mhux biss tappoġġja t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda f'setturi emerġenti iżda wkoll iżżomm u tadatta l-impjiegi u s-setturi eżistenti għal industriji u teknoloġiji newtrali għall-klima u nodfa għan-nies li jgħixu f'territorji milquta; billi huwa importanti li l-ħaddiema u l-persuni li qed ifittxu impjieg iħossuhom appoġġjati biex jiġġestixxu t-tranżizzjonijiet sabiex jitrawmu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-għanijiet tal-istrateġija 2050;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-Boxxla għall-Kompetittività tal-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tal-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet, l-impjiegi ta' kwalità u l-ekwità soċjali fir-reġjuni kollha, b'enfasi fuq l-indirizzar tad-diskrepanza fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema li jippersistu madwar l-UE, u biex tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; billi jrid jiżdied l-appoġġ għall-ħaddiema u għall-persuni li qed ifittxu impjieg fit-territorji

	milquta, bħal skemi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, l-assistenza għat-tiftix ta' impjieg, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi pubbliċi biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jadattaw ruħhom għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel; billi fl-istess ħin l-investiment fil-ħolqien ta' intrapriżi ġodda f'setturi orjentati lejn il-futur, kif ukoll l-appoġġ għan-negozji eżistenti, b'mod partikolari l-SMEs, huma essenzjali biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità fejn il-ħaddiema jistgħu jużaw tali ħiliet;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi l-Ewropa bħalissa qed tesperjenza nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, u dan qed ifixkel il-kompetittività tal-Unjoni, kif identifikat mir-rapporti Draghi u Letta; billi d-deċentralizzazzjoni strateġika tal-iżvilupp industrijali u teknoloġiku u tal-investiment għar-reġjuni affettwati mit-tranżizzjoni tista' tgħin biex jiġu indirizzati tali nuqqasijiet iżda tirrikjedi investimenti suffiċjenti fis-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura relatati bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u t-trasport;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-UE 27 tilfet 4,4 miljun impjieg industrijali, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 13 %; billi dan it-telf seħħ prinċipalment bejn l-1995 u l-2015; billi l-għadd ta' persuni impjegati fil-manifattura naqas bi 853 000 mit-tielet

	kwart tal-2019 sal-2024;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi l-assistenza teknika għall-awtoritajiet pubbliċi fl-ambitu tal-JTF, InvestEU u l-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku – it-tliet pilastri tal-mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta – għandha tissaħħaħ;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni ***milquta*** mill-għeluq tas-siti, b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF;	1. ***Jemmen bil-qawwa li l-objettiv ewlieni tal-JTF għandu jkun li jinħolqu impjiegi ta' kwalità u alternattivi ekonomiċi sostenibbli disponibbli għall-ħaddiema affettwati mit-trasformazzjoni tal-industriji intensivi fil-karbonju;*** jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni ekonomiċi speċjali tal-JTF għal żoni ***affettwati*** mill-għeluq tas-siti, ***inklużi reġjuni insulari u muntanjużi,*** b'aċċess prijoritarju għall-finanzjament mogħti inizjalment lil postijiet f'raġġ ta' 50 km ta' siti ta' telf ta' impjiegi u żoni oħra fejn l-impatt ta' tali telf jiġġustifika l-aċċess għall-JTF***, fi sħubija ma' Stati Membri u r-reġjuni, u filwaqt li jitqiesu mhux biss kriterji ġeografiċi iżda wkoll kriterji soċjali bħar-rati lokali tal-qgħad, prekarjetà soċjoekonomika, u riskji akbar ta'esklużjoni soċjali; jisħaq li l-aċċess għall-finanzjament għandu jkun ibbażat fuq analiżi bir-reqqa tal-impatti soċjali u ekonomiċi reali aktar milli s-sempliċi loġika ta' prossimità ġeografika; jisħaq li***

	dawn iż-żoni għandhom joffru proċeduri amministrattivi simplifikati permezz ta' faċilitajiet ta' punt uniku ta' servizz, appoġġ immirat għall-SMEs lokali, u jirrikjedu b'mod espliċitu l-iżvilupp ta' ħiliet u programmi ta' taħriġ b'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet vokazzjonali u edukattivi lokali u s-sħab soċjali; jissottolinja l-ħtieġa li l-kumpaniji u l-impjiegi tal-UE jiġu protetti; ifakkar li t-tranżizzjoni se tkun ġusta biss jekk tirrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema u tissalvagwarja l-possibbiltà li l-kumpaniji jirnexxu;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-politiki tal-UE għandhom jiżguraw koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali bil-ħsieb li jingħelbu d-differenzi strutturali u l-iżvilupp inugwali bejn ir-reġjuni, kif ukoll l-inugwaljanzi soċjali u territorjali; jitlob miżuri ambizzjużi għall-appoġġ tar-riindustrijalizzazzjoni u għall-prevenzjoni tad-deindustrijalizzazzjoni tar-reġjuni Ewropej permezz ta' investimenti strateġiċi u permezz ta' pjanijiet ta' żvilupp għal reġjuni vulnerabbli, speċjalment fiż-żoni rurali u remoti; jisħaq li l-prinċipji u l-politiki tat-tranżizzjoni ġusta għall-promozzjoni tal-klima u l-ġustizzja soċjali jridu jimxu id f'id;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jitlob l-introduzzjoni ta'	2. Jitlob l-introduzzjoni ta' ***għanijiet***

regolamenti speċjali f'dawn iż-żoni, ***inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi għan-negozji u l-investimenti***, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni ***li jgħixu*** f'dawn ir-reġjuni;

ta' investiment sostenibbli li jintegraw appoġġ minn fondi differenti fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati, ***b'enfasi fuq dawk l-aktar vulnerabbli; jistieden lill-Istati Membri jqisu inizjattivi speċjali għal dawn iż-żoni***, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' ppjanar aktar rapidi ***u aktar tnaqqis tal-piż amministrattiv***; jafferma mill-ġdid li tali miżuri jistgħu joħolqu impjiegi ***ta' kwalità, jappoġġjaw lill-SMEs*** u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni***, kif ukoll għan-negozji tal-familja u għal dawk tradizzjonali*** f'dawn ir-reġjuni; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' appoġġ fl-aċċess għall-finanzjament għal proġetti tal-ekonomija soċjali għall-JTF, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn il-proġetti jkollhom aċċess għall-finanzjament;***

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament għat-tagħlim;	5. ***Jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni għandu rwol importanti fit-tisħiħ tad-dritt għall-edukazzjoni minn età bikrija u d-dritt għat-taħriġ, filwaqt li jagħti spinta lill-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol permezz ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet, speċjalment fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet; jenfasizza l-importanza li jiġu introdotti miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi reġjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u affordabbli għal kulħadd; jisħaq li meta niżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tal-mudelli l-ġodda tal-ekonomija lokali, dan ikun jeħtieġ bidla fl-istrateġija tal-edukazzjoni sabiex jiġu offruti diversi għażliet ta' kurrikulu li huma ffukati fuq is-setturi tat-tkabbir u l-ħtiġijiet tar-reġjun;*** jisħaq li f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni ***pubblika*** u t-taħriġ

vokazzjonali fiż-żoni affettwati; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament ***għall-allowances għat-taħriġ sabiex jiġi żgurat aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għall-gruppi b'introjtu baxx; jitlob li jkun hemm dritt individwali għat-taħriġ imħallas matul il-ħinijiet tax-xogħol u għat-tagħlim tul il-ħajja għall-ħaddiema kollha; jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni bejn is-sħab soċjali, l-intrapriżi preżenti u prospettivi, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-istituzzjonijiet edukattivi permezz ta' sħubijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-FSE+ u l-JTF; jisħaq fuq l-importanza kruċjali tal-għalliema u l-ħarrieġa bħala faċilitaturi tat-tranżizzjoni ġusta; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment bħala prijorità fit-taħriġ kontinwu tagħhom sabiex jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex ilaħħqu mat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika;***

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq li l-fondi rilevanti għandhom jintużaw bl-għan li jissarrfu f'aċċelleratur tal-iżvilupp sostenibbli reġjonali li jlaqqa' flimkien l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, u s-settur privat biex jinħoloq ċiklu virtuż ta' żvilupp sostenibbli li jiġġenera redditi ekonomiċi u soċjali u jiffaċilita tranżizzjonijiet ġusti;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-

	Istati Membri jiżguraw kundizzjonalitajiet soċjali meta jingħataw fondi pubbliċi lil kumpaniji privati, filwaqt li jiġi żgurat li l-investimenti pubbliċi jiġġeneraw redditi kondiviżi u sostenibbli u li l-kumpaniji benefiċjarji jinvolvu ruħhom fid-djalogu soċjali, jipprovdu apprendistati ta' kwalità għolja, joffru taħriġ għall-ħaddiema u jiżguraw traineeships ta' kwalità bħala pont għal forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati f'setturi emerġenti; jitlob mekkaniżmi biex jiġi żgurat li l-kumpaniji li jibbenefikaw minn fondi pubbliċi jirrispettaw l-impenji tagħhom lejn l-ekonomija u l-forza tax-xogħol Ewropej, inklużi dispożizzjonijiet biex tali fondi jiġu rkuprati f'każijiet fejn il-kumpaniji jirrilokaw barra mill-Ewropa;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob ***li mill-inqas 50 % tal-fondi edukattivi fir-reġjuni milquta jintużaw*** għall-apprendistati***, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-investimenti li diġà saru fl-apprendistati***;	6. Jitlob ***lill-Istati Membri jinkludu approċċ immirat għall-edukazzjoni u*** għall-apprendistati ***u traineeships ta' kwalità għolja fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta***;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li n-nuqqas ta' għalliema speċjalizzati jaggrava d-diskrepanzi fil-ħiliet f'setturi strateġiċi u jimmina l-kompetittività ekonomika tar-reġjuni anqas żviluppati; jappella għall-iżvilupp ta' programmi mmirati biex tittejjeb l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim, b'mod partikolari fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika

	(STEM), permezz ta' inċentivi ekonomiċi u mhux ekonomiċi, speċjalment fir-reġjuni affettwati mit-tranżizzjoni; jisħaq fuq l-importanza li jiġu allokati riżorsi speċifiċi għat-taħriġ innovattiv tal-għalliema u tal-ħarrieġa, kif ukoll l-iżvilupp ta' ħiliet pedagoġiċi diġitali, li huma essenzjali biex il-ħaddiema jitħejjew għat-tranżizzjonijiet industrijali; jitlob miżuri biex jittejbu s-salarju u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema biex jiġu attirati u jinżammu edukaturi kwalifikati, b'mod partikolari f'oqsma li għaddejjin minn tranżizzjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol kruċjali tagħhom fit-tħejjija tal-forza tax-xogħol għall-ħtiġijiet industrijali futuri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-investimenti fit-taħriġ tal-għalliema u tal-ħarrieġa biex jiġi żgurat użu aħjar tal-finanzjament u jiġu ottimizzati l-eżiti tal-ħiliet miksuba mill-istudenti u mill-ħaddiema f'reġjuni anqas żviluppati;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jitlob li ***l-finanzjament tal-Fond*** Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ikun aktar iffukat fuq ir-reġjuni u li ***jkun hemm sinerġiji akbar*** bejn l-FSE+ u l-JTF, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ;	7. Jitlob li ***l-Fond*** Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ikun aktar iffukat fuq ir-reġjuni***, filwaqt li jiġi enfasizzat l-involviment akbar tal-atturi lokali u reġjonali fil-ġestjoni tal-fond*** u ***b'opportunitajiet ta' finanzjament akbar għalihom, peress*** li ***huma aktar qrib tal-ħtiġijiet tan-nies; ifakkar li l-FSE+ huwa l-istrument ewlieni u primarju biex jappoġġja lill-Istati Membri, lin-nies u lir-reġjuni biex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UE, filwaqt li jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), il-pjan ta' azzjoni tiegħu, u l-miri ewlenin tiegħu; jitlob aktar sinerġiji*** bejn l-FSE+ u l-JTF ***b'saħħithom, imsaħħa u awtonomi;***

jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-isfidi attwali, tinkludi fl-objettivi speċifiċi tal-FSE+ appoġġ għat-tranżizzjoni ġusta, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ ***u b'enfasi fuq l-impjieg taż-żgħażagħ; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investimenti mmirati fl-iżvilupp tal-ħiliet lokali biex jiġu allinjati mal-ħtiġijiet industrijali reġjonali u mat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika;***

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' l-introduzzjoni tal-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-kompetittività mill-Kummissjoni u jitlob l-implimentazzjoni rapida tagħha, allinjata mas-Semestru Ewropew, l-EPSR u l-Unjoni tal-Ħiliet, biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' servizzi pubbliċi, infrastruttura, impjiegi ta' kwalità u d-diskrepanza fil-ħiliet f'reġjuni f'riskju li jitilfu l-kompetittività u l-attraenza soċjoekonomiċi tagħhom; iqis li din l-għodda għandha tiffaċilita proġetti transfruntiera, tikkoordina l-investimenti, tallinja l-politiki industrijali u ta' riċerka, trawwem programmi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, filwaqt li tintegra s-sostenibbiltà u l-fatturi ta' benesseri fil-qafas tagħha; jisħaq li din għandha tibbilanċja l-objettivi ekonomiċi mas-sostenibbiltà ambjentali u l-koeżjoni soċjali, filwaqt li tiżgura li kompetittività mtejba twassal għal kwalità tal-ħajja aħjar, żvilupp territorjali msaħħaħ, u komunitajiet reżiljenti f'reġjuni ta' tranżizzjoni; iqis li l-għodda għandha tixpruna l-investiment fit-tul fis-servizzi pubbliċi u soċjali u t-tkabbir u l-kompetittività madwar l-UE filwaqt li tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità li jikkontribwixxu kemm għall-

prosperità ekonomika kif ukoll għall-benesseri taċ-ċittadini;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom ***jingħataw status speċjali*** biex ***jipparteċipaw fi skemi*** ta' ***impjieg*** u taħriġ ***appoġġjati mill-FSE+ fil-lokalità tagħhom***;	8. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom ***ikollhom aċċess għal skemi ta' impjieg u taħriġ fil-lokalità tagħhom, bl-appoġġ tal-fondi disponibbli; ifakkar fir-rilevanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) fl-għoti ta' appoġġ immirat għall-ħaddiema affettwati minn avvenimenti kbar ta' ristrutturar, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jagħmlu użu sħiħ mill-Fond u joħolqu sinerġiji mal-fondi ta' koeżjoni biex itejbu l-effettività tiegħu; jitlob li jissaħħu l-isforzi biex tiġi implimentata l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, filwaqt li tiġi żgurata allokazzjoni akbar mill-Istati Membri biex jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ lil azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġjaw l-impjiegi taż-żgħażagħ ta' kwalità, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali – b'mod partikolari permezz ta' traineeships u apprendistati mħallsa u ta' kwalità – u jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol, ir-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, u l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor; itenni, f'dan il-kuntest, it-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jipprojbixxu prattiki ta' sfruttament, inklużi traineeships mhux imħallsa; jinnota li t-tranżizzjoni ekoloġika taffettwa gruppi demografiċi differenti b'mod differenti, fejn in-nisa spiss ikunu sottorappreżentati f'setturi ekoloġiċi emerġenti; jissottolinja, għalhekk, l-importanza li jitqies l-impatt**

	kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel meta jitfasslu u jiġu implimentati politiki ta' tranżizzjoni biex jiġu żgurati opportunitajiet ibbilanċjati fis-swieq tax-xogħol lokali; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi inkoraġġita l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma STEM u li jiġu pprovduti inċentivi għas-setturi fejn in-nisa huma sottorappreżentati; jenfasizza li l-appoġġ għal inizjattivi mmirati ta' edukazzjoni u taħriġ jista' jippermetti parteċipazzjoni akbar tal-forza tax-xogħol, jagħti spinta lill-ekonomiji lokali, u jgħin biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet, filwaqt li jissaħħu wkoll ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-komunità;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat għaż-żoni ***affettwati*** f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom, u b'hekk ***jingħataw "id-dritt li jibqgħu"***;	9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' apprendistat ***u traineeship ta' kwalità għolja*** għaż-żoni ***milquta*** f'kollaborazzjoni man-negozji lokali biex l-istudenti***, il-ħaddiema żgħażagħ u l-persuni barra mill-edukazzjoni, impjieg, jew taħriġ (NEETs)*** jingħataw esperjenza fil-komunitajiet tagħhom, ***filwaqt li jissaħħaħ id-"dritt tagħhom li jibqgħu fit-territorju" permezz ta' opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità*** u ***titjib fil-kwalità tal-ħajja, inċentivi għan-negozji biex jinvestu u jimpjegaw ħaddiema f'dawn l-oqsma, appoġġ għall-infrastruttura tax-xogħol remot, u aċċess imtejjeb għall-finanzjament tal-UE għall-politiki lokali dwar iż-żamma tat-talenti, biex*** b'hekk ***issir prevenzjoni tat-tnaqqis demografiku u jiġi żgurat l-iżvilupp ekonomiku lokali; ifakkar fl-importanza tal-investiment fis-servizzi pubbliċi u fl-infrastruttura pubblika bħall-akkomodazzjoni deċenti, it-trasport u l-edukazzjoni f'dan ir-rigward;***

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jirrikonoxxi l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali biex jittejjeb l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità f'reġjuni anqas żviluppati; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' ekosistema edukattiva diġitali li tinkludi pjattaformi ta' tagħlim online, kontenut edukattiv diġitali u riżorsi edukattivi miftuħa; jisħaq fuq l-importanza li jiġu ffaċilitati s-sħubijiet pubbliċi-privati fit-taħriġ vokazzjonali billi tiġi inkoraġġita l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' taħriġ u n-negozji lokali permezz ta' programmi edukattivi mfassla b'mod konġunt, perjodi ta' taħriġ fil-kumpanija u offerti ta' impjieg stabbli; jenfasizza li tali sħubijiet diġitali u ta' taħriġ jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, jirrispondu b'mod aktar effettiv għall-ħtiġijiet reali tas-suq tax-xogħol reġjonali u joħolqu ekosistema tal-ħiliet li tappoġġja l-kompetittività ekonomika lokali; jitlob l-implimentazzjoni ta' qafas ta' żvilupp sostenibbli ddiżinjat b'mod speċifiku biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tat-tibdil strutturali u demografiku fir-reġjuni kollha Ewropej;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jinkoraġġixxi lis-servizzi nazzjonali tal-impjiegi jipprovdu programmi attivi tas-suq tax-xogħol immirati fir-reġjuni milquta li jabbinaw

	lill-gruppi affettwati ma' opportunitajiet ta' impjieg fis-setturi emerġenti, b'mod partikolari fl-effiċjenza enerġetika u fis-setturi tal-kostruzzjoni sostenibbli; jilqa', f'dan ir-rigward, il-pakkett tal-Unjoni tal-Ħiliet, b'mod partikolari l-pjan strateġiku propost għall-edukazzjoni STEM, l-istrateġija l-ġdida Ewropea għall-edukazzjoni u għat-taħriġ vokazzjonali (VET), il-proġett pilota tal-Garanzija tal-Ħiliet u l-appoġġ għall-Akkademja tal-UE għall-Ħiliet; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa ta' enfasi ddedikata akbar fuq il-ħaddiema milquta mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-provvista ta' ħiliet ekoloġiċi u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura dan bħala prijorità orizzontali fil-proposti kollha li jmiss tal-Unjoni tal-Ħiliet;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jintegraw il-garanziji tal-akkomodazzjoni, l-iskemi tal-konvivenza, u l-appoġġ għall-kiri għall-apprendisti u l-istudenti fi proġetti appoġġjati mill-JTF u mill-FSE+, b'mod partikolari f'reġjuni b'livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ jew li qed jesperjenzaw tnaqqis demografiku;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9d. Jitlob li jiġu rispettati l-Prinċipju tas-Sħubija u l-kodiċi ta' kondotta Ewropew dwar is-sħubija fil-programmazzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ kollu tal-politika ta'

	koeżjoni tal-UE u li tiġi stabbilita kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-partijiet ikkonċernati u t-trade unions;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9e. Jirrimarka li l-fondi tal-UE (il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u b'mod partikolari, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta qed jintużaw biex jissupplimentaw l-investimenti fl-edukazzjoni (bikrija tat-tfal) ta' diversi reġjuni;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Impjiegi ta' sostituzzjoni	***Pjan għal Impjiegi ta' Kwalità***

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissuġġerixxi li t-tranżizzjoni ġusta ***injorat is-sitwazzjonijiet uniċi tal-ħaddiema full-time*** affettwati, ***tal-ħaddiema part-time u tal-istudenti; jissuġġerixxi li ftit li xejn kien hemm kunsiderazzjoni li jiġi pprovdut impjieg staġonali ta' sostituzzjoni***;	10. Jissuġġerixxi li t-tranżizzjoni ġusta ***għandha tqis il-ħaddiema kollha*** affettwati, ***b'mod partikolari l-ħaddiema full-time, il-ħaddiema part-time u l-istudenti u tal-familji u t-tfal tagħhom***;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema ***u l-familji tagħhom jitħarrġu mill-ġdid***, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; ***jippproponi li l-JTF għandu joffri wkoll opportunitajiet*** ta' ***taħriġ mill-ġdid lis-sħab*** u ***lill-konjuġi*** tal-ħaddiema ***affettwati***;	11. ***Jissottolinja li l-programmi effettivi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet jirrikjedu ppjanar u tħejjija adegwati ferm qabel kwalunkwe eliminazzjoni gradwali jew bidla industrijali sinifikanti; iqis li l-istrateġiji tal-kompetittività industrijali miftiehma mas-sħab soċjali huwa essenzjali biex il-vijabbiltà ekonomika tal-kumpaniji industrijali Ewropej titmexxa 'l quddiem u biex l-impjiegi jiġu ppreservati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-kumpaniji, b'mod partikolari lill-SMEs, biex jipprevjenu s-sensji furzati u jipprovdu assistenza mmirata matul il-perjodi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi li jgħinu biex jiġu evitati s-sensji furzati, bħal programmi ta' appoġġ temporanju għall-protezzjoni tal-impjiegi matul it-tranżizzjonijiet, filwaqt li jiġi evitat it-telf tal-kapaċità industrijali strateġika u l-forzi tax-xogħol b'ħiliet; jinnota li, meta tkun meħtieġa tranżizzjoni minn impjieg għall-ieħor, għandhom isiru sforzi favur tranżizzjoni lejn settur strateġiku jew ta' tkabbir, filwaqt li l-ħaddiema jingħataw żmien suffiċjenti għall-aġġustament, u jiġi pprovdut l-appoġġ meħtieġ biex it-tranżizzjoni tiġi ffaċilitata u jiġi evitat li l-ħaddiema jbatu finanzjarjament;*** jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati bordijiet tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ biex il-ħaddiema ***jingħataw ħiliet ġodda***, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena u li tilfu l-impjieg tagħhom; ***jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jisfruttaw l-opportunitajiet fl-ambitu tal-JTF, fondi*** ta' ***koeżjoni oħra u inizjattivi futuri fl-ambitu tal-Unjoni tal-Ħiliet biex jipprovdu appoġġ immirat għat-taħriġ, il-***

ksib ta' ħiliet u ***t-taħriġ mill-ġdid*** tal-ħaddiema ***fir-reġjuni tat-Tranżizzjoni Ġusta***;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal strateġiji għall-ħolqien tal-impjiegi fir-reġjuni fi tranżizzjoni u fiż-żoni rurali li jagħtu prijorità lir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-akkomodazzjoni, l-użu deċentralizzat tal-enerġija rinnovabbli, u l-programmi tal-effiċjenza enerġetika mmexxija mill-komunità bħala komponenti ewlenin ta' tranżizzjoni ġusta u ekoloġika; jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni u tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi territorjali u jiġi żgurat l-aċċess għal enerġija affordabbli u sostenibbli u akkomodazzjoni deċenti;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jenfasizza li l-investiment fl-akkomodazzjoni adegwata u fir-ristrutturar enerġetiku għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx iwassal għal redditi rapidi u għoljin fuq il-finanzjament pubbliku billi jnaqqas l-infiq soċjali, itejjeb l-eżiti tas-saħħa, u jnaqqas il-kostijiet tal-enerġija;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE qed jesperjenzaw ***ħruġ kontinwu*** ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa minħabba bidliet demografiċi u ***migrazzjoni***, u ***ż-żoni rurali qed jintlaqtu b'mod partikolari***;	13. Ifakkar li xi reġjuni tal-UE***, b'mod partikolari ż-żoni rurali,*** qed jesperjenzaw ***livell għoli ta' migrazzjoni*** ta' ħaddiema żgħażagħ u tas-sengħa ***lejn ċentri urbani*** minħabba bidliet demografiċi u ***nuqqas ta' opportunitajiet ekonomiċi; jitlob l-implimentazzjoni rapida tal-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent b'fondi suffiċjenti u proċeduri operazzjonali sempliċi sabiex jitpatta għall-eżodu ta' mħuħ***, u ***b'hekk jingħata appoġġ lill-irkupru ekonomiku lokali fir-reġjuni affettwati; jesprimi tħassib dwar il-vijabbiltà ekonomika fit-tul ta' dawn ir-reġjuni u r-riskju tagħhom li jaqgħu f'nases tal-iżvilupp;***

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jirrakkomanda li l-istrateġiji territorjali integrati jinkludu b'mod espliċitu miri għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, b'indikaturi u oqfsa ta' monitoraġġ ċari; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-muniċipalitajiet u l-atturi lokali jingħataw is-setgħa biex ifasslu u jimplimentaw soluzzjonijiet ibbażati fuq il-post li jirriflettu r-realtajiet soċjoekonomiċi lokali;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jitlob li porzjon mill-fondi ta' koeżjoni jiġi allokat speċifikament għar-rinnovazzjoni tad-djar tal-unitajiet

	domestiċi bl-aktar introjtu baxx u tal-bini l-anqas effiċjenti fl-enerġija, li altrimenti jitħallew lura fit-tranżizzjoni ekoloġika;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq ***il-ħtieġa għal "ftehimiet soċjali" għall-impjegati*** li ***għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2049***;	14. ***Jenfasizza li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta kkontribwixxa għall-bidu tal-bidliet meħtieġa għar-ristrutturar tal-ekonomiji lokali f'reġjuni dipendenti fuq il-fjuwils fossili;*** jisħaq***, madankollu, li l-objettiv ta' tranżizzjoni ġusta u ekwa mhux se jintlaħaq sal-aħħar tal-programm attwali u jenfasizza l-ħtieġa li jitkompla wara l-2027; jissottolinja r-rwol kruċjali li għandu l-istrument SURE biex jipproteġi lill-ħaddiema u jtaffi l-impatti soċjoekonomiċi severament negattivi ta' wara l-pandemija tal-COVID-19; jissottolinja l-importanza ta' appoġġ immirat għall-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjonijiet, b'enfasi partikolari fuq l-opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u l-assistenza għall-impjiegi; jitlob mekkaniżmu SURE msaħħaħ, peress li l-appoġġ għal tali miżuri ta' protezzjoni tal-impjiegi fi żminijiet ta' kriżi jista' jistabbilizza n-nefqa pubblika ddedikata għall-politiki dwar l-impjiegi u l-miżuri ta' tranżizzjoni ġusta; jitlob finanzjament effettiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-adattabbiltà tas-suq tax-xogħol fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) ta' wara l-2027, b'enfasi fuq il-ħolqien ta' perkorsi għal impjiegi ġodda ta' kwalità u t-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kemm l-għadd kif ukoll il-kwalità tal-impjiegi maħluqa fir-reġjuni affettwati biex il-miżuri ta' appoġġ futuri jitfasslu aħjar għall-ħtiġijiet reġjonali***;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF ***hija kwistjoni għall-Istati Membri iżda jissottolinja l-ħtieġa ta' simplifikazzjoni*** u ***li l-Kummissjoni tieħu approċċ aktar urġenti biex tinnotifika lill-Istati*** Membri;	15. Jaċċetta li l-implimentazzjoni tal-proċess tal-JTF ***f'għan kondiviż bejn l-UE*** u ***l-Istati*** Membri;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jissottolinja li l-JTF jeħtieġlu jinżamm ikkonċentrat fuq ir-reġjuni; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-Pjanijiet għal Tranżizzjoni Ġusta jqisu l-kumplessitajiet tar-reġjuni fil-mira, inklużi l-kompożizzjoni demografika u l-fatturi soċjoekonomiċi; jisħaq li l-inizjattivi kollha jridu jiġu implimentati f'kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali, l-impjegaturi, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u partijiet lokali kkonċernati oħra; jistieden lill-Kummissjoni toħloq pjattaforma diġitali ċentralizzata aġġornata regolarment li tipprovdi informazzjoni simplifikata dwar l-assistenza għat-taħriġ mill-ġdid u l-opportunitajiet ta' investiment li qed jiġu appoġġjati mill-fondi Ewropej rilevanti fir-reġjuni milquta mill-bidla lejn in-newtralità klimatika; jemmen li din il-pjattaforma tista' tgħin kemm lill-ħaddiema kif ukoll lill-kumpaniji jidentifikaw opportunitajiet fir-reġjuni milquta;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ u ***li tippermetti lill-investituri terzi jippreservaw il-kultura*** u t-tradizzjonijiet ***ta' dawk li qabel kienu*** reġjuni ***tal-faħam u tal-pit***;	16. Jemmen li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi parametri ċari għal kull Stat Membru li għandu jsegwi f'oqsma bħall-investiment fl-edukazzjoni ***pubblika*** u t-taħriġ u ***l-preservazzjoni tal-kultura*** u t-tradizzjonijiet***, kif ukoll il-minoranzi lingwistiċi ta'*** reġjuni ***milquta mit-tranżizzjoni***;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jitlob koordinazzjoni tat-tranżizzjoni ġusta biex jiġi żgurat involviment attiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fid-disinn u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifiċitajiet territorjali jitqiesu bis-sħiħ u li l-partijiet ikkonċernati lokali u s-sħab soċjali jkollhom rwol xieraq fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ifakkar fl-obbligu li s-sħab soċjali jiġu involuti fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta u jirrikonoxxi l-kontribut prezzjuż li jistgħu jagħtu fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp, l-eżekuzzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki ta' tranżizzjoni;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Itenni li proġetti kooperattivi jew immexxija mill-komunità relatati mal-akkomodazzjoni għandhom jibbenefikaw

	minn aċċess simplifikat għall-finanzjament tal-JTF, inkluż permezz ta' limiti ta' kofinanzjament aktar baxxi u pagamenti bil-quddiem; jitlob gwida lill-Istati Membri biex l-atturi fis-settur tal-akkomodazzjoni jkunu jistgħu jaċċessaw il-fondi;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jirrikonoxxi l-importanza tad-diġitalizzazzjoni fl-implimentazzjoni u l-governanza tal-JTF; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri biex jingħata rispons aktar mgħaġġel għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidel; jisħaq li diġà jeżistu għodod ta' monitoraġġ tal-ħiliet fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali biex tiġi mmonitorjata l-ħtieġa tal-ħiliet fir-reġjuni affettwati u jitlob li l-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) tkopri r-reġjuni fi tranżizzjonijiet ġusti;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri sabiex ikun hemm aktar konsistenza u ċarezza fl-interpretazzjoni tal-liġijiet tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat sa fejn dawn japplikaw għall-gruppi komunitarji u ***dawk*** mingħajr skop ta' qligħ;	20. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri ***biex tnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mir-regoli li jirregolaw il-fondi ta' koeżjoni*** sabiex ikun hemm aktar konsistenza u ċarezza fl-interpretazzjoni ***ta' dawn ir-regoli, kif ukoll fl-interpretazzjoni*** tal-liġijiet tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat sa fejn dawn japplikaw għall-gruppi komunitarji u mingħajr skop ta' qligħ; ***jenfasizza l-***

importanza li jiġi żgurat li l-fondi Ewropej u nazzjonali jintużaw biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, filwaqt li ssir promozzjoni tal-kompetittività tan-negozji Ewropej u jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja u d-djalogu soċjali jiġi inkoraġġit; jitlob li l-finanzjament tal-UE u l-għajnuna mill-Istat mill-Istati Membri jiġu allinjati mal-politika industrijali Ewropea, sabiex jiġu offruti impjiegi ta' kwalità għolja, jiġi promoss in-negozjar kollettiv, jiġu rispettati d-drittijiet u l-istandards tax-xogħol tal-UE, tittejjeb il-kompetittività tan-negozji Ewropej, u jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji, b'mod partikolari għall-SMEs; jisħaq fuq l-importanza li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli u l-obbligi tal-impjegaturi li jirriżultaw mil-liġi tax-xogħol tal-UE jew nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi rilevanti;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fil-kuntest tar-reviżjoni li ġejja tad-Direttiva Ewropea dwar l-Akkwist Pubbliku, tippromwovi aktar in-negozjar kollettiv u l-użu tal-klawżola soċjali, u biex il-kumpaniji li l-ħaddiema tagħhom ikunu koperti minn ftehimiet kollettivi jingħataw trattament preferenzjali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-klawżola soċjali u jissottolinja li l-awtoritajiet kontraenti jeħtiġilhom jeskludu mill-offerti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi li kienu involuti f'attivitajiet kriminali jew f'attivitajiet li jfixklu jew idgħajfu n-negozjar kollettiv jew lill-organizzazzjonijiet tat-trade unions, bħal azzjonijiet li jostkolaw il-unions tal-ħaddiema;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob li l-politika ta' koeżjoni tappoġġja r-rinnovazzjoni tal-binjiet tas-servizzi soċjali, inklużi l-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, il-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u tal-anzjani u d-djar ta' kenn; jissottolinja li t-titjib fir-rendiment tal-enerġija ta' dawn il-binjiet se jnaqqas il-kostijiet operattivi u jtejjeb il-kwalità tal-infrastruttura;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' ***skema*** ta' taħriġ ***soċjali*** għall-ħaddiema qiegħda akbar fl-età li ma jkunux jistgħu jitħarrġu mill-ġdid u jsibu impjiegi ġodda; jenfasizza li dan jista' jimla d-distakk bejn l-impjieg u l-irtirar għal xi ħaddiema;	22. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istabbiliment ta' ***skemi*** ta' taħriġ għall-ħaddiema qiegħda akbar fl-età li ma jkunux jistgħu jitħarrġu mill-ġdid u jsibu impjiegi ġodda; jenfasizza li dan jista' jimla d-distakk bejn l-impjieg u l-irtirar għal xi ħaddiema; ***iqis li huwa meħtieġ li tiġi stabbilita skema ta' taħriġ imfassla apposta għall-ħaddiema żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol f'reġjuni periferiċi u sottożviluppati, biex jingħataw opportunitajiet biex jibqgħu fir-reġjuni ta' oriġini tagħhom, filwaqt li jiġu żgurati perkorsi ta' impjieg li jallinjaw ruħhom ma' strateġiji ta' żvilupp ekonomiku reġjonali u inizjattivi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;***

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jitlob li l-JTF inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-komunitajiet billi jimpjega maniġers “prattiċi” fil-bliet u l-irħula li jassistu fit-tħejjija ta’ applikazzjonijiet u proposti ta’ finanzjament;	23. Jitlob li l-JTF inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-komunitajiet billi jimpjega maniġers “prattiċi” fil-bliet u l-irħula li jassistu fit-tħejjija ta’ applikazzjonijiet u proposti ta’ finanzjament; ***jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-JTF u trawwem investimenti addizzjonali fir-reġjuni milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika; jisħaq li tali sħubijiet għandhom jinkludu wkoll istituzzjonijiet finanzjarji u fondi ta’ investiment biex tiġi ffaċilitata l-mobilizzazzjoni ta’ riżorsi finanzjarji komplementari, u b’hekk jinħoloq effett ta’ lieva fuq l-investiment pubbliku;***

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li l-JTF jiċċelebra l-wirt tal-komunitajiet affettwati u jistabbilixxi taħriġ għall-gwidi tal-wirt; jappoġġja l-ħolqien ta’ ċentri għall-viżitaturi li jenfasizzaw l-istorja lokali;	***imħassar***

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jilqa’ l-impenn tal-Kummissjoni li tipproponi Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta’ Kwalità sa tmiem l-2025 żviluppat flimkien mas-sħab soċjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal kulħadd; ifakkar li l-Pjan Direzzjonali għandu jappoġġja pagi ġusti, standards għoljin għas-saħħa u s-sikurezza, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, taħriġ u tranżizzjonijiet ġusti tal-impjiegi għall-

	ħaddiema, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari billi tiżdied il-kopertura tan-negozjar kollettiv; jenfasizza li l-Pjan Direzzjonali għandu jagħti prijorità lill-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet bħala kwistjoni ewlenija u jinkludi proposti ta' akkumpanjament li jappoġġjaw b'mod konkret lill-ħaddiema;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Ġustizzja qabel it-tranżizzjoni għall-ekonomija kollha	Ġustizzja ***soċjali*** qabel it-tranżizzjoni għall-ekonomija kollha

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jemmen li l-bidliet fix-xenarju ġeopolitiku, flimkien ma' fatturi oħra, qed jikkawżaw bidliet enormi fil-funzjonament tal-ekonomija tal-UE; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni***, għalhekk, ***tirrevedi l-perjodi*** ta' ***żmien għall-għeluq tal-atturi ewlenin tal-enerġija fl-UE***;	25. Jemmen li l-bidliet fix-xenarju ġeopolitiku, flimkien ma' fatturi oħra, qed jikkawżaw bidliet enormi fil-funzjonament tal-ekonomija tal-UE ***u qed jeħtieġu investimenti għall-preservazzjoni tal-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħha fit-tul***; ***jenfasizza li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali huma marbuta b'mod inseparabbli mal-kompetittività, mat-tranżizzjoni ġusta, mal-modernizzazzjoni tal-ekonomija u mar-reżiljenza tas-soċjetà u li***, għalhekk, ***il-QFP*** ta' ***wara l-2027 irid ikompli jappoġġja t-tranżizzjoni doppja; jinsisti li t-tranżizzjoni doppja trid tkun soċjalment ekwa u ġusta, tiżgura l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni effettiva tal-bidliet fid-dinja tax-xogħol bħat-tranżizzjoni minn impjieg għall-ieħor għas-setturi kollha affettwati, abbażi ta' djalogu soċjali sinifikattiv u effettiv***;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jemmen li l-Istati soċjali tagħna għandhom jiżguraw aċċess universali għal servizzi essenzjali ta' kwalità għolja bħal akkomodazzjoni u trasport nodfa, affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll sistemi ta' protezzjoni soċjali msaħħa li jtaffu l-konsegwenzi devastanti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali; iqis li bl-implimentazzjoni ta' politiki soċjali li jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju tagħna u jillimitaw l-impatt ambjentali tagħna, l-istati soċjali soċjoekoloġiċi se jtejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies u jsaħħu r-reżiljenza tagħhom għax-xokkijiet;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jinsisti li sabiex it-tranżizzjoni ssir ġusta u ekwa, l-UE jeħtiġilha ssaħħaħ il-qafas ta' tranżizzjoni ġusta, speċjalment il-JTF u l-Fond Soċjali għall-Klima;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25d. Jisħaq li l-Ewropa teħtieġ kuntratt soċjali ġdid li fih is-sostenibbiltà soċjali u ambjentali jimxu id f'id, mibni fuq politiki li jaċċelleraw it-tranżizzjoni klimatika u ambjentali fl-istess waqt li jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi strutturali u

l-forom ta' diskriminazzjoni bħall-ġeneru, l-età, ir-razza, id-diżabbiltà u forom oħra, jippromwovu l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali u territorjali, jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u jnaqqsu l-faqar;

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jenfasizza l-importanza tal-Istati Membri fil-promozzjoni tad-djalogu soċjali settorjali u tan-negozjar kollettiv, speċjalment fl-industriji ekoloġiċi emerġenti ġodda, kif ukoll biex tiġi żgurata l-inklużjoni tan-negozji żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali; jisħaq li d-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-Paga Minima tirrappreżenta opportunità kbira biex jissaħħu n-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi u l-preżenza tas-sħab soċjali fis-setturi emerġenti;* _____ ***[1a] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2041/oj.

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jappella għal fergħa ddedikata għall-infrastruttura soċjali sostenibbli, inklużi akkomodazzjoni affordabbli, sistemi tal-enerġija tal-komunità u ċentri ta' servizzi integrati f'territorji żvantaġġati;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26c. Jisħaq li t-tranżizzjoni klimatika trid tkun akkumpanjata b'miżuri li jiżguraw il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs u setturi industrijali strateġiċi; jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni ta' Fond Ewropew għall-Kompetittività biex jingħata appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-qafas tal-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività; jissottolinja li filwaqt li l-investimenti f'teknoloġiji nodfa u strateġiċi u l-appoġġ għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) huma essenzjali, azzjonijiet effettivi biex il-kompetittività tal-Ewropa tissaħħaħ jeħtieġu approċċ komprensiv li jinkludi wkoll miżuri mmirati biex titnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet permezz tal-edukazzjoni, il-kwalifikazzjoni jew rikwalifikazzjoni, u t-taħriġ, biex b'hekk jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol Ewropea tibqa' adattabbli u lesta għall-futur; jenfasizza li l-effettività tal-fond tiddependi fuq l-allokazzjoni ta' riżorsi baġitarji addizzjonali aktar milli sempliċiment ridistribuzzjoni ta' fondi minn programmi eżistenti;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi fond ġdid, il-JTF II, għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, li jiżgura li jopera skont il-prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija; jisħaq li dan il-fond għandu jkollu riżorsi	27. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi fond ġdid, il-JTF II, għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027, li jiżgura li jopera skont il-prinċipji ta' ġestjoni kondiviża u ta' sħubija; ***jitlob direttiva dwar it-Tranżizzjoni Ġusta fid-***

finanzjarji akbar mill-JTF attwali;	***dinja tax-xogħol li tistabbilixxi qafas leġiżlattiv biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità fir-reġjuni affettwati;*** jisħaq li dan il-fond għandu jkollu riżorsi finanzjarji akbar ***u jirriżulta f'piż amministrattiv anqas*** mill-JTF attwali ***sabiex jipprovdi appoġġ aktar robust lir-reġjuni u lill-ħaddiema fit-tranżizzjoni ekoloġika u li għandu jsaħħaħ l-involviment u l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali negattivi, bħal, fost l-oħrajn, il-qgħad, il-faqar enerġetiku jew tat-trasport***;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	13.5.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 –: 12 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maravillas Abadía Jover, Grégory Allione, Li Andersson, Pascal Arimont, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Rachel Blom, Andrzej Buła, David Casa, Estelle Ceulemans, Leila Chaibi, Per Clausen, Henrik Dahl, Johan Danielsson, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Gheorghe Falcă, Chiara Gemma, Niels Geuking, Juan Carlos Girauta Vidal, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Sérgio Humberto, Irena Joveva, Marit Maij, Marlena Maląg, Jagna Marczułajtis-Walczak, Eleonora Meleti, Idoia Mendia, Maria Ohisalo, Branislav Ondruš, Aodhán Ó Ríordáin, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Villy Søvndal, Pál Szekeres, Georgiana Teodorescu, Romana Tomc, Raffaele Topo, Francesco Torselli, Brigitte van den Berg, Marie-Pierre Vedrenne, Marianne Vind, Mariateresa Vivaldini, Petar Volgin, Jan-Peter Warnke, Séverine Werbrouck
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Vivien Costanzo, Estrella Galán, Isabelle Le Callennec, Giusi Princi, Eugen Tomac, Kim Van Sparrentak
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Hanna Gedin, Kai Tegethoff

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

38	+
NI	Branislav Ondruš, Jan-Peter Warnke
PPE	Maravillas Abadía Jover, Pascal Arimont, Andrzej Buła, David Casa, Gheorghe Falcă, Niels Geuking, Sérgio Humberto, Isabelle Le Callennec, Jagna Marczułajtis-Walczak, Eleonora Meleti, Giusi Princi, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Romana Tomc
Renew	Grégory Allione, Irena Joveva, Eugen Tomac, Brigitte van den Berg, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Vivien Costanzo, Johan Danielsson, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Idoia Mendia, Aodhán Ó Ríordáin, Raffaele Topo, Marianne Vind
The Left	Li Andersson
Verts/ALE	Maria Ohisalo, Villy Søvndal, Kai Tegethoff, Kim Van Sparrentak

12	-
ECR	Chiara Gemma, Marlena Maląg, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini
ESN	Petar Volgin
PfE	Rachel Blom, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Juan Carlos Girauta Vidal, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck

5	0
PPE	Henrik Dahl
The Left	Leila Chaibi, Per Clausen, Estrella Galán, Hanna Gedin

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni